MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 313/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur AP Miruzzi)**
**Vs**

**Alfred Brown**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fit-8 ta' Ottubru, 2004, f'Caffe Matteo, Triq Santa Lucija, Valletta, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet

specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 (2) tal-Att Nru. XXIII tal-1998;
2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) tal-Att nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Novembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 51, 77(a) u (e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 u l-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-istess Att, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghall-piena ta' LM 200 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentena appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti:- 1. li l-ewwel akkuza hija wahda legalment invalida peress li ma tfisser xejn u ma tallega l-ebda ksur ta' xi ligi w hi legalment monka; 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin u enuncjazzjoni zbaljata ghall-ahhar tal-provi; 3. li l-prosekuzzjoni ma rmexxiliex tissodisfa l-vot tal-ligi f' dak li jirrigwarda l-prova ta' htija w cioe' li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-

raguni; 4. li l-Ewwel Qorti jmissha waslet ghal decizjoni nversa minn dik li waslet ghaliha w 5. li l-piena kienet wahda eccessiva w sproporzjonata.

**Semghet ix-xhieda fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2006;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju, kif iccarat fil-kors tat-trattazzjoni mill-abbli difensur tal-appellant, jirrigwarda difett fl-istezura tal-komparixxi li ovvjament gie ripetut fit-traskrizzjoni dattilografata tas-sentenza appellata w jikkonsisti fil-fatt li fil-paragrafu twil li jifforma l-ewwel imputazzjoni, ma hemmx il-kelma operattiva ossia l-verb "*NAQAS*". Hu ssottometta li minghajr din il-kelma l-akkuza ma tfisser xejn.**

**Illi bhala fatt l-appellant hu korrett meta jghid li l-verb operattiv tal-paragrafu ma nkitibx. Izda wiehed irid jara jekk dan in-nuqqas jimpurtax in-nullita' tal-akkuza w konsegwentement tas-sentenza li rriproduciet l-akkuza sintattikament difettuza.**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Martin Brincat**" [30.4.2003] u** "Il-Pulizija vs. Leone Agius" **[23.6.2005], skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni jkun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x' hiex ezatt kien qed jigi akkuzat.**

**Illi f' dan il-kaz ma hemmx kwistjoni fuq il-partikolaritajiet ta' l-appellant, iz-zmien u l-lok, imma**

**dwar il-fatti tal-akkuza fis-sens li l-fatt innifsu, skond l-appellant, ma jemergix mill-istess akkuza.**
**Illi hu ovvju li fl-istezura tal-ewwel akkuza wara l-kelma *"Valletta*" u qabel li kliem "*jew hu jew impjegati tieghu"* thalliet barra il-kelma *"naqas*" jew *"naqsu"* u dan irrenda s-sentenza kollha bla sens mil-lat grammatiku.**

**Pero' wiehed irid jara jekk, b' dana kollu w nonostante dan-nuqqas, l-appellant, meta deher u kkontesta l-akkuzi kontra tieghu, kienx qed jifhem biex qed jigi akkuzat. Jigi nutat li fit-tieni akkuza il-kelma *"naqas"* ma thallietx barra w hemmhekk jidher car li hu kien qed jigi akkuzat li fl-istess jum u lok u cirkostanzi <u>naqas</u> li jaghti jew jipproduci ricevuta tat-taxxa f' ghamla li tigi provvduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Hu minnu li din l-akkuza giet irtirata mill-prosewkuzzjoni seduta stante quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 2), pero' minn din it-tieni akkuza li kienet tirriferi ghall-*"istess zmien u fl-istess post*" u mill-fatt li l-appellant stess kien fuq il-post meta saret l-ispezzjoni mill-ispetturi tal-VAT Department u gie konstatat in-nuqqas allegat, suppost li ma kellu lanqas l-icken dubju ta' x' xhiex kien qed jigi akkuzat.**

**Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li anki f' dan il-kaz, bhal fil-kawzi appena citati, l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt u li l-ommissjoni tal-verb *"naqas*" zgur li b' ebda mod ma setghet tinduci lill-appellant f' xi zball jew dubju dwar x' hiex kien qed jigi akkuzat u dwar liema incident kien qed jiddefendi ruhu. Lanqas ma hemm xi difett fis-sentenza li jirrendiha nulla minhabba dan il-lapsus konsistenti fl-ommissjoni tal-kelma "naqas" w hemm dettalji bizzejjed ta' hin u lok li ma jhallu ebda dubju f' mohh l-appellant ta' x' hiex kien gie akkuzat u ta' x' xhiex instab hati w cioe' li dak in-nhar hu ma harigx ir-ricevuta fiskali wara li kien sar biegh. Konsegwentement dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.**

**Illi it-tieni, t-tielet u r-raba aggravji jistghu jigu raggruppati f' wiehed u jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti.**

**Il-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

PAUL SCICLUNA **xehed li hu jirraprezenta d-Dipartiment dwar it-taxxa fuq il-Valur Mizjud u jagixxi bhala prosekutur f' dawn il-kawzi. Hu kkonferma l-awtenticita' tad-dokumenti esebiti (Fols. 4 sa 9 tal-process). Dok.SP1 jirrigwartda l-ittra tad-Dipartiment lill-Kummissarju tal-Pulizija kontenenti t-talba biex dan jipprocedi kontra l-appelant ghaz-zewg akkuzi li jidhru fil-komparixxi odjerna. Id-Dokument SP2 hu kopja tal-"Applikazzjoni ghar-registrazzjoni" mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Dad-dokument juri li hu n-negozju** MARCO'S **li hu gestit go 149, St. Lucia Street, Valletta li hu registrat fuq isem l-appellant, bhala applikant u firmatarju tal-applikazzjoni.**

**B' dana kollu pero' mill-ezami tad-dokument CC1 ukoll esebit u li hu "SPOT-CHECK INSPECTION SHEET "  jidher li l-inspection saret go post li l-business jew tradename tieghu hu** "CAFÉ MATTEO" **sia pure ' go Triq Santa Lucia wkoll. Di fatti l-akkuza harget fuq dan l-istabiliment u mhux fuq in-negozju bl-isem "MARCOS".**

CARMEL CASSAR **xehed li fit-8 t' Ottubru, 2004 kienu ghamlu inspection fil-Café' Matteo go Triq Santa Lucia. Kien ra strangieri jiehdu xi drinks magemb il-hanut. Skond ma qalulhom it-turisti, dawn kienu hallsu lira (LM1). Meta kellmu lill-appellant, ghall-ewwel qal li mhux veru. Meta hareg ir-roll mill-*cash register*, sabu li ma kienx hemm item ta' biegh ta' lira. L-appellant hargilhom *X-reading* u ghamel ricevuta. Hu ma jafx lil min kien hallas it-turist  ghalkemm kien hallas kif ha d-drinks ghax hu ma setax jara lil min kien hallas it-turist. Kien hemm lavranti f' dak il-post u**

**l-*cash* kien il boghod minn fejn kienu qed jaqdu n-nies.**

**L-appellant ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti w ergo ma setax jiddeponi quddiem din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f' dan l-istat tal-provi, apparti kull konsiderazzjoni dwar l-izball fid-dicitura fic-citazzjoni fuq trattat, din il-Qorti tara li mid-dokumenti esebiti ma giex pruvat li l-appellant mad-Dipartiment hu r-*registered owner* tan-negozju "Café Matteo", fejn saret l-*inspection*. Li rrizulta hu li hu applika biex ikun registrat bhala *owner* fuq il-negozju "MARCO'S" u mhux "CAFFE MATTEO". U, ghalkemm irrizulta li kien prezenti fuq il-post "Café Matteo" dak in-nhar, la rrizulta li n-negozju b' dak l-isem kien registrat f' ismu bhala *owner* u lanqas li l-pagament li allegatament ghamlu t-turisti sar lilu.**

**F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss u tara li dawn l-aggravji huma gustifikati w li l-ewwel akkuza ma gietx pruvata *"beyond reasonable doubt"* fil-konfront tal-appellant u ghalhekk hu ghandu jigi liberat minnha.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------